MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru 545/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Fathi Dimai, iben Gimni,
imwieled l-Eritreja fid-19
ta' april, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-29 ta' mejju, 2006 ġewwa l-Isptar San Luqa, u cioe' ġewwa s-Sala M5, li jinsab ġewwa Pjazza San luqa, Pieta' –

1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PC1059 J. Abdilla, PC1388 L. Amaira, PC1055 R. Mizzi u Pc1056 K. Borg;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nġurja jew hedded jew għamel offiża bi kliem fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinflwixxi jew ibeżżagħhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess uffiċjali tal-pulizija msemmija fl-akkużi hawn fuq indikati;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għall-istess uffiċjali pubbliċi msemmija sabiex jinġurja jew jagħmel ħsara lill-istess uffiċjali pubbliċi;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassru jew ġabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita' kienu għamlu;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' ħġieġa għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija uffiċjali pubbliċi tal-korp tal-pulizija u ta' persuni oħra msemmija kif jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni ulill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95, 96, 325(1)(d), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna

li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------